# SLIEMA Aquatic Sports Club: Mitt sena GLORJUŻI.

Din is-sena jaħbat iċ-Ċentinarju mit-twaqqif tas-Sliema ASC. Bla dubju ta' xejn dan hu klabb li pogga lil tas-Sliema fuq quddiem net fix-xena sportiva b'mod partikolari dik tal-Waterpolo u l-Ghawm. Naħsbu li m'hawn l-ebda team, mhux tal-waterpolo biss, li jista' jiftaħar li rebaħ wieħed u tletin kampjonat. Fil-fatt itteam ta' Sliema ASC flimkien mat-team tas-Sliema Wanderers FC huma iż-żewg pilastri tat-tradizzjoni sportiva tal-lokal tagħna.



**L-ewwel tim tas-Sliema United fl-1912**

Il-club tas-Sliema ASC twieled u zvilluppa ma' tas-Sliema. Minn post strettament ta' villegiatura, tas-Sliema beda jkollha l-ewwel residenti. Forsi minnhabba l-prezenza tas-servizzi Inglizi, s-Slimiżi minn dak iż-żmien bikri bdew jinterressaw rwiehom fl-isport; speċjalment football u waterpolo. Fil-fatt l-ewwel attivitajiet sportivi ta' l-ilma bdew isiru taħt "S-Sliema Point Battery" illum magħrufa bħala l-Fortizza fejn jinsab il-club attwali. Kienu jsiru wkoll attivitajiet fi xtajta zghira li kien hemm biswit iċ-Chalet.

Tas-Sliema kellha tliet teams tal-Waterpolo Sliema United, Sliema Wanderers Athletic u Sliema Rovers. Sliema United huma l-antenati tagħna għaliex il-klabb tagħhom kien fejn hu llum. Huma bdew jilagħbu ma' teams tas-Servizzi. Fil-fatt kien biss wara li fl-1912 meta Sliema għelbu lit-team ta' 'C' Company Cloucester Regiment li gew sfidati għall-loghob mit-team ta' Valletta St. Domincs. Il-logħba saret u s-Sliema hargu rebbieha 2-1. Din kienet l-ewwel loghba bejn zewg teams Maltin. Wara dan is-Sur E. Bonavia li kien l-ewwel president tal-club tħajjar jorganizza speċi ta' kampjonat. Izda l-ewwel kampjonat uffiċjali tal-waterpolo sar fl-1925 meta dik s-sena ġiet iffurmata Amateur Swimming Association magħrufa ahjar bħala ASA. Dan l-ewwel kampjonat intrebaħ minn Sliema United. Data importanti hi dik ta' l-1934 meta iż-żewg clubs Slimiżi l-United u l-Wanderers Athletic ingħaqdu. Sfortunatament ma' nafu xejn dwar id-destin ta' Sliema Rovers.

Sa minn dak iż-żmien bikri il-club dejjem ta' interess lill-għawm. Nafu li s-sur Bonavia kien jorganizza kompetizzjonjiet ta' l-għawm għat-tfal fi xtajta li kien hemm biswit ix-xalet. Forsi l-ikbar esponent ta' l-għawm ta' dak iż-żmien li kien jagħmel parti mill-club tagħna kien Turu Rizzo għawwiem li kien jispeċjalizza f'ghawm fuq distanzi twal, illum insejhulu extreme jew enduramce swimming. Rizzo kien l-ewwel wiehed li qatt għam bejn Malta u Għawdex kif ukoll il-belt Valletta u Għawdex. Iżda l-aktar li jibqa' msemmi hu ghall-ghawma tiegħu ta' tnejn u sittin siegha izda Turu Rizzo jibqa' famuz meta qasam bl-għawm minn Pozzallo ghal distanza ta' tlieta u disghin kilometru. Hu rrappurtat li meta wasal qrib il-breakwater kien hemm eluf ta' Maltin lesti biex jilqghuh.

Ta' min isemmi li meta Malta ħadet sehem fil-waterpolo fl-Olimpijadi ta' 1928 ġewwa Amsterdam u fl-1936 ġewwa Berlin il-maggoranza tal-players magħzula kienu players ta' tas-Sliema. Dan jindika li dan it-team minn dejjem kellu l-aqwa players ta' Malta jilaghbu miegħu. Prova ta' dan hu il-fatt li Sliema ASC rebaħ l-unuri tista' tgħid b'mod regolari u f'kull unur li joffri l-waterpolo Malti. L-aktar li rebhuh huma il-koħol ta' Għar id-Dud.

Jekk qed insemmu x-xena internazzjonali ta' min ifakkar li Sliema ASC kien l-ewwel team li ha sehem fil-kompetizzjonijiet Ewropew meta fl-1999 ħa

sehem f'round preliminari tac-Champions League ġewwa. l-Olanda. Dan seta jsir b'għajnuna finanzjarja governattiva. Sfortunatament din il-parteċipazzjoni intemment fl-2002 meta l-għajnuna finanzjarja mill-gvern spiċċat.

Min hu midħla tal-festi u tal-banda d-dar tiegħu hija il-każin. Dawk dilettanti ta' l-isports ta' l-għawm u l-waterpolo d-dar tagħhom huwa l-Pitch. Fl-istorja tal-Sliema ASC, "il-Pitch" għandu storja interessanti ħafna. Hu beda u għadu taħt il-Fortizza ġewwa Għar id-Dud. Il-Pitch inbena għall-ħabta 1930. Kienu jsibuħ bħala l-barrakka għaliex kien magħmul minn żewġ kmamar ta' l-injam li kienu jizzarmaw għax-xitwa u merfugħa fis-sotterran kbir li hemm fil-fortizza., Dan ix-xogħol sar mid-ditta Cavarra tal-Gzira.

Fl-1949, tqatta' l-blat minn ċertu George Schembri magħruf bħala ta' l-ghagin. Bis-saħħa t'hekk inħolqot pjattaforma, kmamar għat-tibdil, kamra tal-kumitat u bar. Dan kollu ta' l-injam u jizzarma.

Fl-1961 il-Pitch rega' nbena mill-ġdid din id-darba tal-gebel iżda fl-istess disinn ta' qabel. Bla dubju il-bidla li saret sa' issa bdiet fil-bidu tas-snin disghin meta il-Pitch għadda minn zvillupp kbir meta mhux biss rega' nbena mill-ġdid izda nbniet il-pixxina insemmija għal mibki president Edwin Meli. Bil-bini tal-pixxina l-problema ta' baħar qawwi li jhassar l-attivijiet tista tgħid spiċċat. Akar importanti minn hekk b'rihet il-pixxina matul is-Sajf il-Pitch ikun mimli tfal ta' kull eta' jitgħallmu jghumu jew jitgħallmu l-waterpolo. Dawn it-tfal huma d-demm li jzomm il-club haj ghaliex dawn it-tfal jikbru u zgur uħud minnhom jsiru ta' livell tajjeb. Mhux ta' b'xejn li s-Sliema ASC hu club li ftit li xejn juza' players minn barra l-club.

Sliema ASC huwa club kbir u l-aktar glorjuz mhux b'ftahir izda fatt storiku li jixduh in-numru ta' unuri li rebah b'mod konsistenti. Dan hu mertu tan-nies li servew u qed iservu fil-kumitat.

Matul is-snin il-kumitat bena kultura ta' serjeta u bilanċ f'dak li jagħmel. Mertu iehor imur għal fatt li l-Club hu mogħni b'nies teknici li tista' tgħid huma esperti fit-taħrig tal-waterpolo u l-għawm. Ma' dawn il-club żied ukoll coaches barranin.




**Il-Partitarji Slimiżi dejjem wara t-tim tagħhom**

Il-Pitch għadu jattira numru kbir ta' familji li uliedhom mal-ewwel jingibdu lejn il-club u lejn it-team. Min għandu esperjenza tal-pixxina jaf il-follol kbar li jiġbed it-team ta' tas-Sliema. Min jifli sew dawk il-follol jara li parti sewwa minnhom huma tfal wiċċhom mizbuh ikhal. Dawn għandhom ġewwa qalbhom il-club u l-ambizzjoni li jkunu parti mit-team. Hawn qiegħed il-pont li jgħaqqad is-suċċessi ta' l-imgħoddi, dawk it-tfal li għada pit għada ha jkunu fl-ilma mhux biss mharrga izda bit-team tas-Sliema f'qalbhom jagħmlu ħilthom biex izommuh fil-quċċata fejn jixraqlu.

**Il-President, Kumitat, Soċji u partitarji**
**Tal-Banda Stella Maris**
**Jawguraw Lis-Sliema Aquatic Sports Club F'egħluq il-Mitt Sena ta' dan il-Club daqshekk Glorjuż li tant għamel ġieħ lil Tas-Sliema tagħna.**
**Fl-istess ħin jawguraw Aktar suċċessi fil-futur lis-Sliema Aquatic Sports Club**
**SLIEMA GĦAL DEJJEM SLIEMA**